MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1163/2010

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**vs**

**Aquilina Edward – I.D. 409883-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ elf u tmienja u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,068.27c), liema somma tirraprezenta ammont dovut lis-Socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (u dan kif jirrizulta minn rendikont anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa’ inadempjenti ghal tali talba, u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta’ elf u tmienja u sittin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,068.27c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------